# Animazzjoni - Il-Lejl tal-Milied (Sena Ċ)

**Dħul:**

Illejla qed niċċelebraw il-lejl qaddis tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu. Għalhekk inġbarna hawn sabiex inroddu ħajr lil Alla għal dan il-misteru hekk kbir tal-Inkarnazzjoni ta' Ibnu Ġesù Kristu għas-salvazzjoni sħiħa tagħna.
Imqanqlin b'dan il-ferħ hekk kbir, nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**Qari:**

Il-ġrajja tat-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu ġabet ferħ u sliem fid-dinja kollha, b'mod speċjali fost dawk li verament jemmnu f'dan il-misteru hekk kbir. Bit-twelid ta' Sidna Ġesù Kristu dehret il-grazzja ta' Alla lill-bnedmin kollha. Lill-profeta Isaija għalhekk narawh li ifaħħar il-misteru kbir tal-Inkarnazzjoni li ġab ferħ mad-dinja kollha.
Nisimgħu b'attenzjoni l-qari.

**Salm Responsorjali:** Illum tweldilna Salvatur, li hu Kristu l-Mulej.

**Offertorju:**

Kristu ġie fostna bħala bniedem biex isalvana. Ejjew għalhekk inroddu ħajr lill-Mulej Alla tagħna għal dan il-misteru hekk kbir billi nressqu dawn l-offerti tagħna f'riġlejn l-artal.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**

Alla ġie jgħammar fostna ġewwa  Betlehem elfejn sen ilu, iżda HU għadu jagħmel hekk kull darba li aħna nersqu bi ħġarna sabiex nirċevuh fl-Ewkaristija.
Nersqu bil-ferħ għat-tqarbin bi spirtu ta' talb u ġabra, filwaqt li nkantaw flimkien.